TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 196/16/F

**Carmel u Josephine Azzopardi**

**vs**

**International Sales Direct Company Ltd.**

Illum 21 ta' Marzu, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' mitt ewro (€100), rappreżentanti l-*professional fees* illi ħallsu sabiex issir applikazzjoni għal *solar panels*.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżenatanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw *solar panels* bil-kundizzjoni li dawn ma jkunux manifatturati ċ-Ċina. Illi wara li ġew u għamlu l-applikazzjoni, irriżulta li dawn il-*panels* kienu manifatturati ċ-Ċina, pero' kien hemm xi *part* li kienet manifatturata f'Izrael u allura qalu li ma ridux dawn il-*panels*.

It-Tribunal, jinnota illi jekk ir-rikorrenti kienu speċifikament talbu li ma jsirux iċ-Ċina u mbagħad saru fiċ-Ċina, l-intimat kien ħażin illi għamel l-applikazzjoni għalihom.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitt ewro (€100), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888